Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Lokalità

# ID-DISA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7

Data tal-laqgħa: 11 ta’ Diċembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fis-6.00 ta’ filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt - Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b’apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

### RESIDENTI PREŻENTI:

6 residenti kienu preżenti.

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 7.1 Introduzzjoni mis-Sindku

7.1.1 Is-Sindku beda billi ta merħba lil kull min attenda għas-seba' laqgħa tal-lokalità tad-Disa' Leġislatura, fejn ta informazzjoni lil dawk preżenti fuq diversi proġetti li qed jaħdem fuqhom il-Kunsill.

7.1.2 Is-Sindku AM qara l-minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 6 li saret fil-11 ta' April 2023.

## 7.2 Estimi Finanzjarji 2024

7.2.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni tal-abbozz tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2024. Is-Sindku infurma li, peress li l-Allokazzjoni għas-sena 2024 għadha ma waslitx, l-abbozz tal-Estimi ġie ppreparat fuq l-Allokazzjoni tas-sena 2023.

## 7.3 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

7.3.1 Is-Sindku stieden lir-residenti biex jagħmlu l-interventi tagħhom.

7.3.2 Is-SE ħadet nota tal-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti fuq diversi temi, fosthom:

- Ix-xogħlijiet minn IM - rikostruzzjoni ta' Triq San Franġisk. Kien hemm ilmenti peress li l-bankini fil-kantunieri qed isiru wiesgħa ħafna. Dawn ser joħolqu aktar problemi ta' *traffic flow* u *traffic accidents*. il-Kunsill ser jikteb lill-Perit ta' IM dwar dan;
- Bankina dejqa fejn is-*substation* fi Triq il-Kbira – Il-Kunsill ser jinforma lill-Perit ta' IM bit-talba li ressqet residenta biex titwessa' l-bankina;
- Ħofra kbira li tħalliet wara li tneħħa arblu Triq il-Ferrovija k/m Vjal il-Bon Pastur – Is-SE infurmat lit-triq se tiġi rranġata minn IM wara l-festi;
- Ħmieġ mormi madwar il-kontenituri tal-B-I-S;
- Skart maħruġ mhux skond l-iskeda; u
- Bankina perikoluża fi Triq Idmejda faċċata tal-Lombard – Is-Sindku infurma li din it-triq (inkluż il-bankini) se jiġu rikostruwiti minn IM fix-xhur li ġejjin.

7.3.3 Wara li ma kienx hemm aktar ilmenti / suġġerimenti mir-residenti, is-Sindku għalaq il-laqgħa billi irringrazzja lil kull min kien preżenti, talli attendew għal din il-laqgħa.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.50pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 23 ta' Jannar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |